# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 10**

**Rikors numru 533/2004 AE**

**Falzon Service Station Limited, Carmelo Falzon u Joseph Falzon f'isimhom proprju u kull interess li jista' ikollhom u b'digriet tal-15 ta' Frar 2011 il-Qorti ordnat li jinbidel l-isem tas-socjeta` attrici ghal Falzon Group Holdings Limited**
**v.**

**(i) Il-Korporazzjoni EneMalta u b'nota tat-2 ta' Settembru 2015 assumiet l-atti EneMalta plc**
**(ii) l-Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi**

**Il-Qorti:**

1. Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat mill-atturi fil-21 ta' Lulju, 2004, li permezz tieghu nghad:

> "1. Premess illi l-Korporazzjoni EneMalta ghamlet snin twal, kwazi minn meta gie fondata b'Ligi, bil-funzjoni ta' regolatur fl-industrija taz-Zejt/Petroleum lokalment fejn ukoll kienet Korporazzjoni

Pubblika li tgawdi monopolju fl-attivita' kummercjali; illum il-funzjoni regolatorja hija vestita fil-konvenuta Awtorita' ta' Malta, u l-Korporazzjoni EneMalta hija "player" fis-suq;

"2. Premess illi s-socjeta' attrici/atturi ilhom snin jillanjaw fuq numru ta' kwistjonijiet mhux rizolti mal-Korporazzjoni EneMalta (dak iz-zmien allura bhala regolatur u fornitur monopolista fis-suq) u illi minkejja kull sforz il-Korporazzjoni baqghet tinjora; dawn il-fattur jirrigwardaw principalment il-fatt illi l-Korporazzjoni EneMalta tbiegh il-pitrolju lill-Kompetituri ta' l-attrici bi prezz inferjuri ghal dak li tbieghu lill-attrici/atturi;

"3. Premess illi jirrizulta wkoll fil-gas oil, agenti tal-Korporazzjoni konvenuta minn Ghawdex kompetituri ta' l-attrici ghandhom margini ta' profit ferm aktar qawwi minn dak ta' lesponenti, fil-fatt ir-rata ta' kummissjoni ta' dawn il-forDnituri ohra zdiedet regolarment; illi certament din id-differenza ma tistax tirraprezenta l-ispejjez zejda tat-trasporta li ghandhom il-fornituri; illi anke ghall-bejgh tal-prodotti tal-petrol station, dawn qeghdin jinbieghu lill-esponenti bi prezz aktar gholi minn dawk li jigi mibjugh lill-kompetituri ta' l-atturi u fil-fatt l-ahhar zieda fil-kummissjoni li nghatat mill-Korporazzjoni ma nghatatx lill-atturi;

"4. Premess illi dawn l-ahhar hames snin, kull zieda fil-margni ta' profit li nghatat mill-Korporazzjoni lid-diversi setturi ta' din l-industrija bhalma huma l-agenti ta' Ghawdex u s-service stations, ma nghatatx lill-atturi fuq il-bulk uplifts taghha;

"5. Premess illi kwantu ghal bulk uplifts bil-barge, ukoll l-atturi talbu biex jithallew jaghmlu dan ix-xoghol bhal ma jaghmlu diversi kompetituri taghhom izda dan il-permess gie rifjutat;

"6. Premess illi l-Korporazzjoni konvenuta ghandha u kellha d-dover bhala Korporazzjoni Pubblika u bhala vestita b'doveri pubblici li timxi b'sens ta' imparzjalita' bejn l-agenti varji fis-suq tal-prodotti taz-zejt u li wkoll fejn taghti trattament differenti, dan ghandu jsir a bazi ta' gustifikazzjoni serja li f'dan il-kaz hija totalment mankanti; inoltre il-Korporazzjoni ghandha d-dover illi tippermetti kondizzjonijiet fis-suq illi jirrispettaw il-kompetizzjoni u l-konkorrenza, dejjem ghall-ahjar beneficcju tal-konsumatur;

"7. Premess illi l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi hija llum r-Regolatur u l-persuna legali vestita bil-poter u d-dover illi tissorvelja u tara illi jkun hemm kondizzjonijiet ekwi fis-suq li jippermettu l-konkorrenza xierqa minghajr ebda patt li jivvjola jew jirrestringi jew ixekkell il-konkorrenza jew ihalli abbuz ta' pozizzjoni dominant fis-suq minn parti wahda;

"8. Premess ukoll illi din l-istess Awtorita', skond decizjoni li tat fil-25 ta' Settembru 2003 fil-konfront ta' l-attrici, imponiet fuq il-

Korporazzjoni EneMalta l-obbligazzjoni li taghti lill-attrici kwota ta' pitrolju bl-istess prezz li jinxtara mill-hawkers; illi dawn l-istess hawkers, ghalkemm ifornu lill-istess industrija bhall-attrici, qatt ma nghataw kwota f'dan ir-rigward u ghalhekk lanqas m'ghandha tinghata kwota lill-atturi;

"9. Premess illi dawn in-nuqqasijiet attribwibbli lill-konvenuti jew min minnhom huma in vjolazzjoni ta' doveri skond il-Ligi lejn l-attrici, partikolarment id-dover illi jimxu b'imparzjalita' u bona fede bhala regulaturi bejn il-konkorrenti kollha fis-suq, u tali vjolazzjoni ggib maghha resposabilita' f'danni;

"10. Premess illi l-konvenuti kkawzaw danni kbar tul is-snin lill-atturi, li jinkludu telf ta' klijenti minhabba n-nuqqas ta' kompetittivita' kif ukoll telf ta' profitti, u minkejja li gew interpellati wisq drabi, kien inutli;

"11. Premess illi dan in-nuqqas kien jivvjola dover oggettiv tal-Korporazzjoni illi assumiet ghal zmien twil l-istess vesti ta' kompetitur, persuna vestita b'monopolju u legislatur u ttrattat minghajr gustifikazzjoni lil terzi differenti mill-attrici, u dan in-nuqqas igib ir-responsabilita' f'danni;

"12. Premess illi l-konvenuti gew diversi drabi interpellati sabiex jirrimedjaw is-sitwazzjoni u jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni izda inutilment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew min minnhom naqsu fid-dover oggettiv lejn l-atturi ghar-ragunijiet suesposti;

"2. Tillikwida d-danni hekk kkawzati;

"3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom solidalment ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati;

"4. Tistabbilixxi data li tmur lura ghall-perijodu meta gew ikkawzati d-danni u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom solidalment ihallsu lill-atturi l-imghax bl-oghla rata permessa mil-Ligi fuq l-ammont ta' danni likwidati sad-data ta' l-effettiva pagament.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Protesti Gudizzjarji tas-6 ta' April 2004 u l-konvenuti ghas-subizzjoni; l-attrici qed tirriserva kull dritt u azzjoni lilha kompetenti skond il-Ligi."

2. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi, tat-13 ta' Awwissu, 2004, li permezz taghha eccepiet:

> "1. Illi in linea preliminari din il-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni li tisma dan il-kaz billi d-decizjoni ta' l-esponenti msemmija mill-istess attur Falzon Service Station Limited u cioe' dik datata 25 ta' Settembru 2003 ma gietx appellata, li del resto kellu kull opportunita' skond il-ligi li jaghmel hekk, b'konsegwenza li tali decizjoni tikkostitwixxi stat ta' fatt u insidikabbli u vigenti bejn il-partijiet u dan ai termini ta' l-Att 25 tal-2000 (Kap 423);
>
> "2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tas-subinciz (3) ta' l-Artiklu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> "3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess ma hemm ebda danni li ghandhom jigu likwidati favur l-atturi;
>
> "4. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante' illi l-eccipjenti ma tistax tinzamm responsabbli flimkien jew in solidum mal-konvenuta l-ohra ghall-kwalunkwe operat tal-konvenuta l-ohra li jista' jigi dikjarat bhala llegali jew illecitu u/jew tali li jirrendi l-istess konvenuta l-ohra responsabbli ghal xi danni;
>
> "5. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante' illi ma kien hemm ebda nuqqas fid-dover oggettiv fil-konfront ta' l-atturi fit-twettieq ta' l-operat ta' l-eccipjenti;"

3. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni EneMalta tat-12 ta' Awwissu, 2004 li permezz taghha eccepiet hekk:

> "1. Illi preliminarjament kwalunkwe talba ghad-danni kontra l-eccipjenti tinsab preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba 'l fatt li kif jammettu l-istess atturi proprio et nomine l-Korporazzjoni konvenuta setghet tkun biss passibbli ghad-danni sa meta twaqqfet l-Awtorita' konvenuta fi Frar tas-sena 2001.
>
> "2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghal fuq premess mhux minnu li l-Korporazzjoni konvenuta kkawzat xi danni lis-socjeta attrici, u dan kif ser jigi pruvat ahjar waqt ittrattazzjoni tal-kawza."

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Ottubru, 2015, li permezz tagħha l-kawza giet deciza fis-sens illi filwaqt li cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta bl-ispejjez kontra tagħha, laqgħet l-ewwel eccezzjoni tal-EneMalta plc bl-ispejjez kontra l-atturi. Inoltre, għar-ragunijiet li ngħataw fl-istess sentenza cahdet it-talbiet tal-atturi fil-mertu, bl-ispejjez kontra tagħhom.

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Il-qorti semgħet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

"1. L-ilmenti tal-atturi li ssemmew fic-citazzjoni huma:-
(a) Bejgh ta' pitrolju lill-kompetituri tal-attrici bi prezz inferjuri għal dak li jinbiegħ lill-atturi.
(b) Agenti tal-Korporazzjoni EneMalta li qegħdin f'Għawdex għandhom margni ta' profitt ferm iktar mill-atturi fir-rigward tax-xiri ta' gas oil.
(c) Prodotti li jinbiegħu minn petrol stations jinbiegħu lill-atturi bi prezz ogħla u ma ngħatawx zieda fil-kummissjoni kif ingħataw lill-kompetituri tagħhom.
(d) Fir-rigward ta' bulk uplifts bil-barge, l-atturi ma tħallewx jagħmlu xogħol bħal kompetituri tagħhom.
Fic-cirkostanzi l-EneMalta ma kinitx imparzjali u kienet qegħda tagħti trattament aħjar lil ħaddieħor. Bl-atteggament tagħha kienet qegħda tmur kontra l-obbligu tagħha li tizgura li fis-suq ikun hemm il-kompetizzjoni u l-konkorrenza. Min-naħa tal-konvenuta l-oħra, l-attur jsostnu li bħala r-regolatur kellha obbligu li tizgura li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi għal kulħadd li jippermettu l-konkorrenza bla xkiel. Dmir li skond l-atturi ma kinitx qegħda twettqu.
L-atturi jsostnu li:-
"*9. Illi dawn in-nuqqasijiet attribwibbli lill-konvenuti jew min minnhom huma in vjolazzjoni ta' doveri skond il-Ligi lejn l-attrici, partikolarment id-dover illi jimxu b'imparzjalita' u bona fede bħala regolaturi bejn il-konkorrenti kollha fis-suq, u tali vjolazzjoni ggib magħha responsabbilta' f'danni*" (fol. 4).

Minkejja l-ilmenti fuq imsemmija mill-atti hu evidenti li fir-realta' l-ilment hu dwar il-bejgh ta' gas oil[1], u cjoe' r-rata ta' kummissjoni li taghti l-EneMalta lil terzi meta paragunat mal-atturi. Hekk per ezempju fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2011 Joseph Falzon[2] xehed:-
"*Id-danni li qed nippretendi jiena huma ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' kummissjoni ta' xiri ta' fuel ghal petrol stations minn meta introduciet din is-sistema l-EneMalta fis-sens illi bdiet taghti kummissjoni iktar minn dik illi tat lilna, sa din is-sena meta gie kulhadd uniformi"* (fol. 139).
F'dan ir-rigward l-atturi pprezentaw prospett tad-danni (fol. 143), fejn iddikjaraw li t-trattament diskriminatorju beda mis-sena 1997. Fih taw taghrif dwar ir-rati ta' kummissjoni iktar baxxi li nghataw l-atturi meta paragunat ma' dak li nghataw lil sidien ohra ta' pompi tal-fuel. Minn dan id-dokument jirrizulta li ma kienx hemm differenza fil-kummissjoni bejn l-14 ta' April 1997 u s-sena 2000 (ara Dok. A fol. 258-260). Godfrey Scicluna xehed li fis-sena 1997 inghatat kummissjoni ta' erba' millezmi lil dawk il-pompi tal-petrol li "… *ghamlu pompa awtomatika jew li kienu ser jaghmlu pompa awtomatika*" (fol. 495). Kompla jghid li s-socjeta attrici ma nghatatx "…. *biss il-commission ta' tlett millezmi, dik il-commission li kienet abbinata ma' credit terms ta' 14 days. Il-kumplament hadu kollox*" (fol. 496). Ghalhekk il-problema jidher li bdiet fis-sena 2001 meta s-socjeta attrici ma ffirmatx il-ftehim. Jirrizulta wkoll li din is-sitwazzjoni baqghet sal-ahhar ta' Marzu 2011 peress li b'effett mill-1 ta' April 2011 l-operaturi tal-pompi tal-petrol kollha bdew jircievu l-istess rata ta' kummissjoni[3].

Sahansitra fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2011 fir-rigward tal-pitrolju, Joseph Falzon xehed:-
"*Fil-kaz tal-Malta Resources Authority, fir-rigward tax-xiri tal-pitrolju, ahna qeghdin nersqu mhux ghax ghandna xi pretensjoni f'din il-kawza dwar pitrolju, imma biex insahhu l-finijiet taghna rigward din il-kawza*" (fol. 251).

"**<u>L-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Awtorita konvenuta</u>**.

"2. Fir-rigward tal-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Awtorita (fol. 10), il-qorti tosserva:-

i. L-ilment tal-atturi m'huwiex biss dwar il-pitrolju. Sahansitra fil-kors tal-gbir tal-provi Joseph Falzon iddikjara li m'ghandhomx pretensjoni fir-rigward tal-pitrolju (fol. 251). Ghalhekk id-decizjoni li ittiehdet

[1] Petrol, petrol bla comb, u diesel.
[2] Direttur tas-socjeta` attrici.
[3] Godfrey Scicluna, ufficjal tal-korporazzjoni, meta xehed fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2013 (fol. 483). Konfermat minn Joseph Falzon meta xehed fil-21 ta' Novembru 2011 (fol. 252).

dwar il-petrolju u tissemma fl-ewwel eccezzjoni, hi rrilevanti.

ii. L-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 ma japplikax fil-konfront tal-Awtorita' ghaliex ma jirrizultax li hadet decizjoni. Hu evidenti li l-atturi jilmentaw li l-Awtorita' naqset mid-dmirijiet legali taghha ghaliex ma haditx azzjoni kontra l-EneMalta. Ghal finijiet tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, eghmil amministrattiv ifisser "il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita pubblika". Fir-rigward tal-ilmenti tal-atturi, l-Awtorita' ma wettqitx eghmil amministrattiv[4]. Ghalhekk fil-konfront taghha m'huwiex kaz ta' stharrig ta' eghmil amministrattiv fit-termini tal-Artikolu 469A. F'kull kaz il-kawza proposta mill-atturi ma tidhirx li hi kawza ghal stharrig ta' eghmil amministrattiv kif definit fl-Artikolu 469A. Tant hu hekk li l-ewwel talba taqra: "Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew min minnhom naqsu fid-dover oggettiv lejn l-atturi ghar-ragunijiet suesposti".

"<u>L-ewwel eccezzjoni tal-EneMalta plc.</u>

"3. Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni ta' EneMalta plc, il-qorti tosserva li fin-nota ta' sottomissjonijiet din il-konvenuta argumentat li sabiex "…. *Tkun passibbli ghal hlas ta' xi danni jrid jirrizulta mill-provi illi l-Korporazzjoni EneMalta, qua regolatur, agixxiet b'mod arbitrarju minghajr l-ebda bazi ta' kriterji oggettivi, u t-test ghandu jkun dak sancit fl-Artikolu 469A(5) li jghid illi……*". Jidher ghalhekk li s-socjeta konvenuta hadet il-posizzjoni li l-kaz hu wiehed ta' stharrig ta' eghmil amministrattiv taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Jekk hu hekk l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili ma japplikax gialadarba ghal dik it-tip ta' azzjoni japplika terminu differenti. Madankollu l-qorti hi tal-fehma li kif giet proposta l-kawza l-atturi ma pproponewx kawza ghal stharrig ta' eghmil amministrattiv taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. L-atturi lmentaw li l-konvenuti kissru d-dover li <u>regolaturi</u> *bejn il-konkorrenti kollha fis-suq, u tali vjolazzjoni ggib maghha responsabbilta' f'danni*" (paragrafu 9 tac-citazzjoni). Mill-provi ghandhom bil-ligi: *"…. illi jimxu b'imparzjalita' u bona fede* <u>bhala</u> rrizulta li minn Frar 2001 l-EneMalta ma baqghetx regolatur[5] . Mela minn dakinhar l-EneMalta ma setatx tibqa' tinzamm responsabbli bhala regolatur ghaliex bl-Att XXV tas-sena 2000 ir-regolatur kienet saret l-Awtorita' konvenuta. Fir-rigward tal-perjodu

[4] Ovvjament dan ma japplikax ghall-ilment relatat mal-pitrolju, gialadarba sar ilment u fil-25 ta' Settembru 2003 l-Awtorita tat decizjoni b'rimedju ghas-socjeta attrici
[5] Ara l-Att dwar l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi (Kap. 423).

meta l-EneMalta kienet regolatur, azzjoni ghad-danni giet preskritta fi Frar 2004. Il-kawza giet prezentata fil-21 ta' Lulju 2004 u m'hemmx prova li kien hemm x'interruzzjoni jew rinunzja tal-preskrizzjoni. Il-qorti taqbel mal-konvenuta li *"… minn qari tac-citazzjoni ma jista' jkun hemm dubbju illi l-azzjoni attrici hija wahda ghad-danni ex delicto minhabba allegata vjolazzjoni tad-dover legali tal-Korporazzjoni EneMalta li titratta lil kull operatur bl-istess mod meta hija kienet regolatur fl-industrija taz-zejt u petroleum lokali. In fatti l-atturi ma jallegaw ebda ksur ta' xi obbligi kuntrattwali izda biss ksur ta' l-obbligi legali tal-Korporazzjoni EneMalta bhala regolatur, u ghalhekk huwa car illi c-citazzjoni attrici tinkwadra ruhha perfettament filparametri tal-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili…."* [6]. Ghalkemm l-atturi qalu li l-azzjoni hi wahda kuntrattwali[7], mic-citazzjoni dan ma jirrizultax. L-atturi ma bbazawx il-kawza fuq ir-relazzjoni tal-bejgh u xiri li kien hemm mal-EneMalta.

Ghaldaqstant fil-konfront tal-EneMalta l-azzjoni ghall-hlas tad-danni hi preskritta.

"<u>Meritu</u>

"4. Jirrizulta li fir-rigward tax-xiri ta' gas oil, l-atturi kellhom *credit terms* ta' 60 gurnata [8]. Kundizzjoni li kellha minn meta l-fuel kien jinxtara minghand Shell u li Joseph Falzon qal li kien mis-sena 1953. Meta fl-1977 bdiet topera l-korporazzjoni l-atturi baqghu igawdu l-istess *credit terms*. Imbaghad gie zmien meta l-EneMalta riedet li l-perjodu ta' 60 gurnata jitnaqqas ghal erbatax il-gurnata[9]. L-atturi rrifjutaw u nsistew li kellhom dritt li jibqghu jhallsu l-kontijiet fi zmien 60 gurnata. Fil-fatt jirrizulta li ma giex iffirmat l-abbozz tal-kuntratt li ntbaghat lis-socjeta attrici. Joseph Falzon qal: "*Hu minnu li kieku jien iffirmajt il-ftehim kont se naghmel l-istess commission li ghamlu shabi l-ohrajn li ffirmawh*" (fol. 251). Hu evidenti li s-socjeta attrici riedet tkompli tiehu l-beneficcju fir-rigward tal-*credit terms*. Min-naha taghha l-korporazzjoni rrifjutat li taghti lill-atturi l-istess kummissjoni li taghti lis-sidien tal-pompi tal-petrol li kellhom *credit terms* ta' erbatax-il gurnata. Fil-fehma tal-qorti l-ilment tal-atturi hu bla bazi

[6] Pagna 2 tan-nota ta' sottomissjonijiet.
[7] Paragrafu 18 tan-nota ta' sottomissjonijiet.
[8] Godfrey Scicluna xehed:- "*Falzon ma kellux biss il-petrol station. Kellu wkoll il-business ta' fuel distribution f'Malta. Fil-fatt huwa jopera taht diversi licenzji. Hu kellu sixty days from the end of the month u credit kellu fuq kull qasam li kien jinnegozja, jigifieri petrol stations u fuel distribution u ahna hallejnieh. Falzon kien qed igawdi minn credit li haddiehor ma kellux*" (fol. 468).
[9] Ara affidavit ta' Godfrey Scicluna fejn hemm spjegat x'gara matul is-snin (fol. 371-373).

gialadarba m'huwiex kaz ta' *like with like*. Irrizulta kif operaturi li nghataw kummissjoni iktar favorevoli mill-atturi ma kellhomx *credit terms* ta' 60 gurnata. Jekk kienet qeghda ssir xi diskriminazzjoni kien mill-fatt li l-atturi thallew ihallsu fi zmien 60 gurnata filwaqt li haddiehor kellu credit terms ta' erbatax-il gurnata. Materja li nghatat decizjoni dwarha mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust fil-kaz Cassar Fuels Limited vs Korporazzjoni EneMalta (5/2006) tat-30 ta' April 2007 (fol. 377).

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi argumentaw li l-korporazzjoni ma setatx tiehu l-ligi f'idejha u li: "*Kellha rimedju ordinarju u semplici ferm bhal dak illi zzomm l-imghax fuq dak li jidhrilha hi li hu tardivita' fil-pagament u tiehu azzjoni gudizzjarja*". Il-qorti ma taqbilx li l-EneMalta hadet il-ligi b'idejha meta ddecidiet li tatix zieda fil-kummissjoni lissocjeta attrici gialadarba baqghet tinsisti fuq 60 gurnata biex thallas il-konventijiet u rrifjutat li taccetta credit terms ta' 14 il-gurnata. Iz-zieda fil-kummissjoni nghatat biss lil dawk l-operaturi li accettaw *credit terms* ta' 14 il-guranta. M'hemmx dubju li din kienet incentiva sabiex loperaturi tal-pompi tal-petrol jaccettaw *credit terms* differenti. Ladarba l-atturi m'accettawx il-proposta, ma kellhomx jedd jippretendu li jgawdu miz-zieda fil-kummissjoni. L-atturi ma ressqux provi li kien hemm operaturi li kellhom l-istess *credit terms* bhalhom u xorta gawdew miz-zieda fil-kummissjoni.

"5. F'kull kaz fir-rigward tal-kummissjoni li tithallas fuq il-gas oil, ma jirrizultax li l-atturi qatt ilmentaw mal-Awtorita' konvenuta kif kienu ghamlu fir-rigward tal-pitrolju[10]. F'dan ir-rigward Joseph Falzon xehed: "*Mistoqsi mill-Qorti, ghalfejn allura dwar il-fuel cioe' l-petrol, diesel u petrol bla comb ma rriferejniex il-kaz lill-Malta Resources Authority, inwiegeb li b'din id-decizjoni ahna hassejna li nghatajna iktar forza fl-argument taghna u hassejna li mmorru quddiem l-Awtorita tal-Qorti biex nithallsu dak li nsostnu li ghandna dritt ghalih*" (fol. 251).
Ghalhekk il-qorti ma tifhimx kif l-atturi jilmentaw fil-konfront talAwtorita konvenuta meta dwar il-gas oil ma saritx prova li kienu rregistraw ilment dwar l-agir tal-EneMalta.

[10] Ara decizjoni tal-Awtorita tal-25 ta' Settembru 2003 fir-rigward tal-licenzja ta' hawker ghall-bejgh ta' pitrolju (Dok. M, fol. 60).

"6. Minkejja dak li nghad f'paragrafu numru 1 ta' din is-sentenza, il-qorti tosserva li fir-rigward tal-ilment relatat ma':-

i. Pitrolju, jirrizulta li l-atturi kienu nghataw rimedju mill-Awtorita konvenuta[11].

ii. Gas oil li jinbiegh f'Ghawdex, l-atturi ma tawx prova tad-diskrepanza fil-margni ta' profitt li jaghmlu huma meta paragunat mal-operaturi f'Ghawdex. Li rrizulta zgur hu li l-operaturi f'Ghawdex iridu jhallsu ghat-trasport tal-fuel lejn Ghawdex filwaqt li dawk f'Malta ma jhallsux. Ghalhekk hawn ukoll m'hemmx sitwazzjoni ta' *like with like*.

iii. *Barge uplifts bil-barge*, l-atturi ma ressqux bizzejjed provi li jistghu jikkonvincu lill-qorti li ghandhom ragun. Kull m'hemm huma tlett paragrafi qosra fl-affidavit ta' Carmelo Falzon (fol. 39). M'hemmx provi li l-atturi talbu li jithallew jiehdu l-fuel bl-uzu ta' barge. Anzi mill-ittra datata 17 ta' Dicembru 1987 (fol. 67) jidher il-kuntrarju."

6. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi kollha li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' it-talbiet attrici, u tirriforma s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Ottubru, 2015, fl-ismijiet premessi, billi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi u tirrevokaha in kwantu laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' EneMalta plc dwar il-preskrizzjoni u tirrevokaha ukoll fil-mertu, in kwantu cahdet it-talbiet attrici, billi tilqa' it-talbiet attrici kollha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

[11] Ara decizjoni tal-25 ta' Settembru 2003 (Dok. M, fol. 60) u ittra tat-12 ta' Lulju 2004 (Dok. N, fol. 65).

7. Rat ir-risposta tal-appell ta' EneMalta p.l.c. li permezz taghha wiegbet li fil-fehma taghha din il-Qorti ghandha tichad l-appell tal-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom.

8. Rat ir-risposta tal-appell tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi, li permezz taghha talbet lil din il-Qorti tichad it-talbiet u l-aggravji tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata tas-7 ta' Ottubru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

9. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-smigh tal-kawza.

10. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

11. Illi din il-kawza titratta talba tal-atturi ghal-likwidazzjoni u l-kundanna ta' hlas ta' danni konsegwenti ghall-allegat nuqqas fit-twettiq tad-dover tal-konvenuti b'mod oggettiv.

12. L-Awtorita` konvenuta wiegbet li (i) dik il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tisma' il-kaz; (ii) it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-

Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12; (iii) ma hemm l-ebda danni li ghandhom jigu likwidati favur l-atturi; (iv) it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li hija ma tistax tigi mizmuma responsabbli *in solidum* ghall-operat tal-konvenuta l-ohra li jista' jigi ritenut illegali jew illecitu li jista' jirrendi lill-konvenuta l-ohra responsabbli; (v) ma kien hemm ebda nuqqas fid-dover oggettiv fit-twettiq tal-operat taghha fil-konfront tal-atturi.

13. L-EneMalta wiegbet li (I) l-azzjoni attrici ghad-danni tinsab preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 u (II) fil-mertu mhux minnu li hija kkawzat xi danni lis-socjeta` attrici.

14. L-ewwel Qorti cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Awtorita` konvenuta bl-ispejjez kontra taghha, laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-EneMalta plc bl-ispejjez kontra l-atturi, filwaqt li cahdet it-talbiet tal-atturi fil-mertu, bl-ispejjez kontra taghhom.

15. L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti tas-7 ta' Ottubru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi u interponew appell minnha. L-appell tal-atturi appellanti jissejjes fuq zewg aggravji principali:

(1) l-ewwel Qorti iffokat biss fuq l-aspett tat-termini ta' kreditu u kummissjonijiet u injorat fatturi u provi rilevanti. Dan jinghad refiribilment (a) ghar-relazzjoni kummercjali bejn il-korporazzjoni

konvenuta u l-atturi; (b) ghall-bejgh ta' pitrolju lill-kompetituri bi prezz aktar vantaggjuz minn dak mitlub mill-atturi; (c) appena biss ikkunsidrat is-sitwazzjoni tal-margini ta' profitt fil-kaz ta' operaturi Ghawdxin; u (d) dwar il-*bulk uplifts* bil-*barge*, cahdet sommarjament; u

(2) l-ewwel Qorti applikat hazin il-principju tal-preskrizzjoni peress li d-danni kienu kontinwi.

16. L-EneMalta wiegbet billi fir-rigward tat-tieni aggravju rrilevat li l-azzjoni attrici ma kinitx titratta kontijiet jew transazzjonijiet partikolari, izda hija bbazata fuq id-dmir taghha *ex lege* li regolatur m'ghandux ikun hati ta' trattament differenti mhux gustifikat. Filwaqt li fil-kaz tal-aggravju dwar il-mertu, jinghad li dan jattakka l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, dan meta kien jispetta lill-atturi l-oneru li jippruvaw dak li nghad minnhom, xi haga li ma rnexxielhomx jaghmlu.

17. L-Awtorita` appellata tikkontendi li l-appell tal-atturi huwa frivolu u vessatorju, in kwantu huwa llum principju stabbilit li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx hemm ragun bhal per ezempju sabiex tikkoregi ngustizzja manifesta. F'dan il-kaz m'hemmx lok ghal ri-ezami peress li s-sentenza appellata hija cara u ben motivata. Fil-mertu jinghad li (i) fil-kaz tal-bejgh

tal-pitrolju l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni gusta li l-appellanti kienu nghataw rimedju minnha permezz tad-decizjoni taghha tal-25 ta' Settembru, 2003 u kif rilevat mill-ewwel Qorti, wiehed mill-atturi sahansitra xehed li m'ghandhomx pretensjoni f'dan ir-rigward; (ii) u (iii) fir-rigward ta' xiri ta' *gas oil* u fir-rigward tal-*barge uplifts bil-barge,* kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, hija ma setghet qatt tonqos mid-doveri taghha, ladarba ma saritx il-prova li l-atturi kienu rregistraw maghha xi lment dwar l-agir tal-EneMalta.

18. Illi ghandu jinghad li jitqies xieraq li l-ewwel jigi trattat it-tieni aggravju tal-atturi appellanti, dak dwar il-preskrizzjoni, peress li jekk jintlaqa', ikun mehtieg li jigi nvestit il-mertu fil-konfront taz-zewg appellati. L-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuta appellata EneMalta, li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, li jipprovdi ghall-preskrizzjoni b'terminu ta' sentejn ghal dawk l-azzjonijiet kollha ghad-danni li jirrizultaw minn delitt jew kwazi-delitt (hsarat li m'humiex ikkagunati minn xi reat).

19. Fl-aggravju taghhom, l-appellanti jikkontendu li s-sitwazzjoni hija wahda anomala peress li l-EneMalta kellha zewg kapacitajiet. Ghalkemm il-premessa hija li s-socjeta` konvenuta ghamlet att li jmur kontra dover oggettiv, allura *ex delicto,* pero` fl-istess hin kien hemm relazzjoni kummercjali mal-EneMalta, ibbazat fuq *credit terms,* kummissjonijiet

eccetra u ghalhekk ma kienx semplicement facli tghid li kellu japplika t-terminu ta' sentejn mahsub taht l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Dan peress li hemm transazzjonijiet kummercjali involuti u ghalhekk l-appellanti isostnu li kellu japplika t-terminu ta' hames snin. Inoltre s-sitwazzjoni taghhom mal-EneMalta tixxiebah ma' dik ta' kont kurrent, fejn allura ma jghaddux il-preskrizzjonijiet bejn il-partijiet, hlief meta jinghalqu l-kontijiet. Kwindi jsostnu li ebda preskrizzjoni ma bdiet tghaddi. Jaghmlu referenza wkoll ghall-protest gudizzjarju li jinghad li sar minnhom fi Frar 2003, li wkoll jitqies relevanti ghall-fini ta' dan l-aggravju.

20. Jibda billi jigu osservati xi principji regolatorji in materja. Kif inghad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Jannar, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Johan Carabott et v. Emmanuel sive Leli Busuttil et:**

> *"Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk msejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili); u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames (5) snin[12]."*

[12] Ara per eżempju App. 27.4.1953 fil-kawża fl-ismijiet Micallef nomine v. Cassar (Kollez. Vol. XXXVII.i.140)

Il-pern tal-kwistjoni f'dan il-kaz hija, jekk il-kolpa allegata fl-att promotur kinitx wahda kontrattwali jew extra-kontrattwali (aquiliana) naxxenti minn delitt jew kwazi-delitt.

21. Kif gie ritenut fis-sentenza **Frank German v. Domenico Azzopardi** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Jannar, 1950: "*(L)-indoli ta' l-azzjoni tigi desunta mhux tant mill-kliem piu` o meno ezatti tal-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop illi ghalih huwa intiz il-gudizzju"* (Kollezz. Vol. XXXIVB-III-746; ara wkoll fl-istess sens, **Generoso Cutajar v. Emmanuele Cutajar** deciza fit-22 ta' Ottubru 1953, Kollez. Vol. XXXVII.II.776; **George Muscat v. Carmelo Zammit** deciza fis-26 ta' April 1961, Kollez.Vol. XLV-II-652; u **Gaetano Farrugia v. Philip Magri** deciza fil-11 ta' Frar 2004 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)). Minn dan isegwi li ghall-finijiet tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-appellata EneMalta, huwa necessarju li ssir indagini dwar il-vera natura tal-azzjoni li qeghda tigi ezercitata mill-atturi.

22. Hekk ukoll tajjeb jinghad li l-ligi taghti ghazla lil kull min jiftah kawza kif ifassal l-azzjoni mressqa minnu u hija fuq din l-ghazla li jiddependi l-ezitu tal-istess azzjoni. Dan ifisser li jekk l-attur jaghzel li jressaq il-pretensjonijiet tieghu kontra parti fuq kawzali partikolari, l-eccezzjoni li titressaq bhala parti mid-difiza kontra l-azzjoni maghmula kontriha, trid titkejjel fuq dik il-kawzali u mhux fuq xi haga ohra. Kwindi dak li jrid jigi

mistharreg f'din il-kawza huwa jekk in-nuqqas li dwaru l-atturi jilmentaw fil-konfront tal-konvenuti appellati huwiex wiehed marbut mal-kuntratt, kif isostnu l-appellanti jew mod iehor.

23. Din il-Qorti fil-kawza **Joseph Busuttil v. Emmanuel Schembri** deciza fid-19 ta' Frar, 1954, Kollez. XXXVIII.I.292, irriteniet li wiehed mill-kriterji sabiex jigi deciz jekk il-fatt li minnu tilmenta parti, hux kolpa kontrattwali jew aquiliana, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali. Dik il-Qorti kkonfermat il-hsieb tal-ewwel Qorti li biex il-kolpa ma tkunx kuntrattwali, jehtieg li l-vjolazzjoni attakkata ma jkollhiex rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti, l-ghaliex anki fil-prezenza ta' kuntratt, jiddependi mic-cirkostanzi, l-gudizzju jekk il-kolpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kuntrattwali jew aquiljana. Il-kolpa kuntrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas tal-ezekuzzjoni jew f'ezekuzzjoni hazina ta' obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt. Min-naha l-ohra, il-kolpa aquiliana jew delittwuza, waqt l-ezistenza ta' kuntratt, issehh meta l-fatt kolpuz li jigi maghmul ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kuntrattwali.

24. Interessanti wkoll hija s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Mary Vassallo v. Giovanni Mizzi et**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' April, 1949, (Kollez. Vol. XXXIII.II.379) fejn il-Qorti kkunsidrat illi:

> *"l-htija (culpa), meta tigi kkunsidrata fl-entita' guridika taghha, hija wahda; u taht dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha "aquiliana", li titnissel minn delitt jew kwazi- delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-"kawza" u fil-"grad", in kwantu dwar il-kawza, il-htija kontrattwali tippresupponi obligazzjoni pre-ezistenti li maghha hija marbuta; mentri l-htija akwiljana tippresupponi fatt li minnu titnissel "ex nunc"; u dwar il-grad id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabilita' l-ghaliex fejn jezisti kuntratt wiehed ghandu jirrispondi tant tal-htija lata u kemm tal-hafifa (leve) u skont il-kazi, jista' jirrispondi anki ta dik li hija mill-aktar hafifa (lievissima) jekk in-natura tal-kuntratt tkun hekk timponi, mentri fil-kaz tal-htija akwiljana, li tiddependi minn fatt dannuz, ir-responsabilita' indistintament testendi ruhha anki ghall-htija mill-aktar hafifa (lievissima), b'mod li dwarha ma hemmx grad."*

25. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, il-premessi maghmula mill-atturi huma fis-sens ta' nuqqas fl-ezercizzju tal-konvenuti tad-doveri taghhom lejn is-socjeta` attrici skont il-ligi, partikolarment id-dover li jimxu b'imparzjalita` u bona fede **<u>bhala regolaturi</u>** bejn il-konkorrenti kollha fis-suq, liema nuqqas jew vjolazzjoni ggib maghha responsabbilita` ghad-danni. L-atturi ma jilmentawx minn ksur ta' obbligu kuntrattwali. Din il-Qorti taqbel perfettament mal-ewwel Qorti meta nkwadrat l-azzjoni attrici taht il-provvediment tal-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili fejn jinghad:

> *"<u>Kull min</u>, bil-hsieb jew minghajr il-hsieb li jaghmel danni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, <u>jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi</u>, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk."*

26. Minn qari tax-xhieda moghtija mill-atturi Carmel u Joseph Falzon, flimkien mad-dokumenti esebiti minnhom, huwa car li l-kontestazzjonijiet taghhom huma mressqa fil-konfront tal-EneMalta bhala regolatur. Tant hu hekk li jikkontestaw id-<u>decizjonijiet tal-EneMalta meta bhala regolatur,</u>

fil-qadi tad-dmir taghha li tohrog licenzja taht il-provvedimenti tal-ligi (dak li kien l-Att dwar l-EneMalta - Kap. 272 tal-Ligijiet ta' Malta) dahhlet klawzoli addizzjonali li kellhom issa jiffurmaw parti mil-licenzja taghhom. Huwa minnu li dak iz-zmien l-EneMalta kienet tilbes zewgt ikpiepel, dak ta' regolatur (ara per ezempju Dok. 'C' u 'D' a fol. 43 et seq tal-process), kif ukoll kienet tissuplixxi l-prodotti (Dok. 'E' a fol. 47), izda jibqa' il-fatt li l-atturi rrifjutaw li jiffirmaw dak il-kuntratt propost u ghalhekk il-kontestazzjonijiet taghhom huma ffukati fuq id-decizjoni tal-EneMalta, meta bhala Regolatur kienet tiffissa l-kummissjonijiet pagabbli lis-sidien tal-pompi tal-petrol, li ntrabtu mal-arrangament ta' kreditu allokat lill-istess sidien. L-atturi jilmentaw minn dak li jsejhu "abbuz ta' poter", peress li l-EneMalta, bhala l-unika entita` awtorizzata bil-ligi li timporta prodotti petroliferi ghas-suq lokali, kellha monopolju f'dan is-settur.

27. F'dan il-kaz, din il-Qorti wkoll tara d-distinzjoni bejn ir-relazzjoni kummercjali li kellhom l-atturi mal-EneMalta fejn hija kienet tforni l-pompi tal-petrol li nisslet relazzjoni kuntrattwali u r-rwol tal-EneMalta li l-atturi jikkontendu li huwa kolpuz fir-rwol taghha bhala regolatur li huwa indipendenti u awtonomu mir-rapport kuntrattwali. Ladarba l-atturi jilmentaw mill-agir tal-EneMalta bhala regolatur, li a bazi tad-decizjonijiet li hija hadet marbuta mall-hrug tal-licenzja, jinghad li taw lok ghad-danni, huwa car li l-azzjoni taghhom ta' danni hija dik delittwali, kwindi preskrivibbli bil-perjodu ta' sentejn.

28. Issa kif osservat mill-ewwel Qorti, ir-rwol tal-EneMalta bhala regolatur fis-suq spicca b'effett mill-1 ta' Frar, 2001. Dan peress li minn dik id-data, kien gie fis-sehh l-Att dwar l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi li kienet issa responsabbli mir-regolamentazzjoni, il-hrug ta' licenzji u li tirregola struttura ta' prezzijiet (ara Artikolu 4 tal-Kap. 423 tal-Ligijiet ta' Malta). Isegwi li azzjoni ta' danni fil-konfront tal-EneMalta bhala regolatur giet preskritta fl-ahjar ipotesi fi Frar tas-sena 2003 (mhux Frar 2004 kif inghad fis-sentenza appellata). Ghalkemm fir-rikors tal-appell jinghad li sar protest gudizzjarju fi Frar tas-sena 2003 u jinghad ukoll li qeghda tigi annessa kopja, mill-atti ma tirrizultax. Izda mill-kopja pprezentata fl-atti fil-mori tal-appell, jirrizulta li dan sar fis-6 ta' April, 2004. Isegwi li dan l-att gudizzjarju ma jistax ikollu l-effett ta' interruzzjoni gialadarba it-termini preskrittiv kien lahaq ghadda.

29. Inoltre, ghalkemm mix-xhieda tal-atturi jinghad li kien hemm prezz differenti applikat fil-konfront tal-pompa tal-petrol taghhom bejn is-snin 1997 u 2010, mid-dokumentazzjoni pprezentata, jista' jinghad li din id-distinzjoni fil-prezz bejn is-sena 1997 u 2000 ma tirrizultax (salv xi ammonti zghar ghall-perjodu qasir fix-xhur ta' bejn Jannar u April tas-sena 1997 – ara Dok. A fol. 258 sa 260 tal-process). Isegwi sa fejn ir-rwol tal-EneMalta bhala regolatur seta' kellu effett fuq il-prezzijiet, dan ukoll gie preskritt sa April tas-sena 1999. Fil-fatt dan jinsab ikkonfermat

mill-istess attur Joseph Falzon in kontro-ezami, waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru, 2011, jghid hekk: *"Minix f'pozizzjoni nghid jekk Service Stations ohra matul in-1998, u 1999 u 2000 kellhomx rati ahjar minnha ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' qliegh."* Fil-fehma ta' din il-Qorti, lanqas iregi l-argument tal-appellanti ta' kont-kurrent fir-rigward tar-rwol tal-EneMalta bhala regolatur, aktar u aktar meta wiehed iqis li dan ir-rwol gie fi tmiem fil-bidu tas-sena 2001. Isegwi li t-tieni aggravju tal-appellanti dwar il-preskrizzjoni ma jregix.

30. Imiss li jigi trattat l-ewwel aggravju, dak fejn l-atturi jilmentaw li l-ewwel Qorti naqset milli tapprezza l-fatt li l-EneMalta kellha ghal zmien twil zewg funzjonijiet, dak ta' regolatur u dak ta' operatur fis-suq. Jinsistu li l-EneMalta agixxiet kontra l-ligi meta naqset milli tezercita l-oggettivita` u l-imparzjalita` mehtiega, dover impost fil-ligi fit-trattament taghha ta' diversi operaturi fis-suq, inkluz fil-kommissjonijiet u fit-termini ta' krediti moghtija lilhom. Dan jinghad f'kuntest ta' erba' punti:

(a) ghalkemm l-ewwel Qorti rrimarkat li ma tressqux provi dwar operaturi li kellhom *credit terms* ta' sittin gurnata, mid-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust tat-30 ta' April, 2007, fil-kaz ta' **Cassar Fuels v. Korporazzjoni EneMalta**, jirrizulta li Cassar Fuels kellha terminu ta' sittin gurnata, kwindi jirrizulta li kien hemm kompetituri ohra bl-istess *credit terms* moghtija lill-atturi.

Jilmentaw li bl-abbozz propost mill-EneMalta fis-sena 2001, hija bhala regolatur ippruvat timponi kondizzjonijiet favorevoli ghaliha;

(b) l-atturi appellanti jilmentaw ukoll li batew konsegwenza tad-decizjonijiet tal-EneMalta meta min-naha bhala regolatur li kien johrog il-licenzji kemm lil dawk li jissejhu bhala "*jobbers*", kif ukoll dawk li jissejhu "*hawkers*", holqot distinzjoni b'tali mod li meta bhala persuna li tforni l-prodotti lid-diversi partecipanti fis-suq, kienet taghmel distinzjoni fil-prezz li bih jinbiegh il-prodott, bil-konsegwenza li l-margini ta' profitt ghall-atturi beda jonqos. Dana peress li ghalkemm il-"*hawkers*" originarjament kienu jinghataw prezz aktar vantaggjuz peress li kienu jaghmlu xoghol zghir ta' pitrolju li kien jinbiegh bieb bieb, mas-snin l-istess "*hawkers*" bdew ifornu wkoll lill-industrija u ghalhekk kellhom aktar bejgh u profitti mill-"*jobbers*" peress li dawn baqghu jinghataw pitrolju bi prezz oghla minn dak tal-"*hawkers*". Ghalkemm il-Qorti ghamlet referenza ghad-decizjoni tal-Awtorita` ghar-Rizorsi tal-2003, bhala rimedju li nghatalhom, din kienet limitata peress li permezz taghha nghataw kwota, izda ma kkunsidratx l-pretensjonijiet u l-ilmenti taghhom ghall-perjodu bejn l-ahhar tas-snin disghin u l-2003;

(c) L-atturi jilmentaw ukoll li fir-rigward tal-pretensjoni taghhom li l-operaturi Ghawdxin kellhom trattament differenti, filwaqt li l-ewwel

Qorti rriteniet li ma tressqux provi, effettivament isostnu li dan il-fatt ma gie kontradett minn hadd u ghalhekk l-oneru tal-prova kellu jitqies sodisfatt; u

(d) l-istess japplika ghall-*barge uplifts,* l-appellanti jikkontestaw il-konkluzjoni sommarja tal-ewwel Qorti, peress li jikkontendu li l-prova mressqa minnhom kienet valida u legali li titfa' fuq il-kontroparti l-oneru li jikkontesta l-prova migjuba.

31. Trattat l-aggravju precedenti, tajjeb jinghad li sa fejn l-appellanti jilmentaw mill-effetti tad-decizjonijiet mehuda mill-EneMalta fir-rwol taghha bhala regolatur sa Jannar 2001, kif osservat qabel, dan illum il-gurnata jinsab preskritt u ghalhekk ma jimmeritax stharrig ulterjuri. Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawza ma ssib xejn x'ticcensura fl-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti in kwantu tabilhaqq, l-atturi m'humiex qeghdin jikkumparaw kazijiet simili. Is-socjeta` attrici qeghda tippretendi li tibqa' tinghata *credit terms* ta' sittin jum, kif kienet tinghata fis-snin precedenti mid-ditta Shell u ghal xi zmien mill-istess EneMalta. L-EneMalta da parti taghha ma riditx tibqa' taghti dawn it-termini ta' kreditu u riedet tirrevedi t-terminu ta' kreditu ghal dak ta' erbatax-il jum. B'dan illi holqot sistema ta' incentivi fil-forma ta' kummissjonijiet ghal dawk li jirrispettaw it-terminu ta' kreditu gdid.

32. Dan ifisser li l-atturi baqghu jirrifjutaw li jhallsu bit-termini godda, u rrifjutaw li jhallsu l-imghaxijiet relattivi ghall-hlas tardiv (li kif jirrizulta minn Dok. GS001 a fol. 374 et seq tal-process, ukoll issarraf f'termini finanzjarji sostanzjali). Fi kliem ix-xhud Joseph Pippo Pandolfino, *Chief Financial Officer* mal-EneMalta, il-Korporazzjoni riedet iddahhal pjattaforma uniformi ghal kulhadd, u f'dan il-kuntest l-ewwel Qorti appuntu ghamlet referenza ghad-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust tat-30 ta' April, 2007, fil-kaz ta' **Cassar Fuels v. Korporazzjoni EneMalta**. Dan apparti li dak il-kaz kien jitratta ilment dwar distinzjoni fil-facilita` ta' kreditu moghti lill-operaturi differenti, u mhux differenza wkoll fil-kummissjonijiet, moghtija lill-operaturi.

33. Izda l-effett tad-decizjoni tal-atturi tfisser li qieghed ikollhom terminu ta' kreditu ferm oghla minn haddiehor li jaghti beneficcju lill-atturi li jahdmu bi flus haddiehor, peress li huma jkunu qeghdin ibieghu l-prodott u jdahhlu l-flus, kif ukoll l-imghaxijiet, mentri min iforni l-prodott, f'dan il-kaz l-EneMalta, tkun ghadha ma thallsitx. Dan il-beneficcju finanzjarju l-atturi ma jridux iqisuh. L-attur Joseph Falzon jikkoncedi li kieku ffirma l-ftehim propost mill-EneMalta, huwa wkoll kien jibbenefika mill-kummissjonijiet. Tabilhaqq ladarba l-atturi jirrifjutaw li jaccettaw l-incentiva offruta lilhom, ma jistghux jippretendu li jibbenefikaw kemm mit-termini ta' kreditu, kif ukoll mill-kummissjonijiet. Ghalhekk l-ewwel Qorti qalet ukoll li l-atturi m'humiex jikkumparaw *like with like*. Kienet l-istess

decizjoni taghhom li jirrifjutaw li jhallsu fit-termini ta' krediti proposti li wasslet ghal trattament differenti.

34. Inoltre, kif gustament osservat ukoll mill-ewwel Qorti, ma jirrizultax li l-atturi qatt ressqu xi lment fil-konfront tal-Awtorita` konvenuta dwar il-kummissjonijiet differenti dwar il-petrol, petrol bla comb jew diesel kif kienu ghamlu fir-rigward tal-pitrolju. Lanqas jirrizulta li l-atturi ppruvaw li l-Awtorita` konvenuta kienet responsabbli ghal xi nuqqas fit-twettiq tad-dmir taghha skont il-ligi. Sabiex ikun hemm dritt ghal indenniz ghad-danni taht l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili, jehtieg li jigi ppruvat li l-Awtorita` konvenuta, fl-ezercizzju tal-funzjoni taghha bhala regolatur, wettqet xi att illi effettivament jikkaguna dannu lill-atturi. Ghaldaqstant, irid jigi ppruvat illi l-allegat danneggjant naqas mill-obbligu tieghu li jirrispetta d-dritt tad-danneggjat li huwa protett mil-ligi. Huwa biss meta l-awtur tal-fatt ikun ikkommetta ksur ta' "*xi dmir impost mil-ligi*" li jista' jinghad illi ghandu jwiegeb ghad-danni.

35. Fir-rigward tal-ilment dwar il-pitrolju, tabilhaqq l-Awtorita` konvenuta pprovdiet rimedju ghall-ilment tal-atturi, tant li bis-sahha tad-decizjoni taghha tal-25 ta' Settembru, 2003, gew riskontrati numru ta' anomaliji tant li nstab li ghalkemm l-atturi kellhom licenzja ta' "*hawker",* li minnha setghu jibbenefikaw minn prezzijiet u kummissjonijiet aktar vantaggjuzi, ma kellhom ebda distrett allokat lilhom, bil-konsegwenza li

ma setghux jiehdu beneficcju minn din il-licenzja. Kunsidrati l-anomaliji riskontrati u l-htiega li s-settur kollu jigi ristrutturat, liema process kien jinvolvi z-zmien u eventwalment sehh fis-sena 2011, l-Awtorita` konvenuta pprovdiet rimedju effettiv lill-atturi li permezz tieghu nghataw kwota mensili ta' 166,600 litru pitrolju (ara Dok. N a fol. 65 tal-process) sabiex jinghataw rata vantaggjuza u l-kummissjonijiet relattivi applikabbli ghal "*hawkers*" u dan sakemm ir-rati differenzjati spiccaw. Kif osservat mill-ewwel Qorti, gie ribadit mill-attur Joseph Falzon (ara xhieda 21 ta' Novembru 2011 a fol. 251) li ma kinux qeghdin iressqu pretensjoni fil-konfront tal-Awtorita` konveunuta dwar il-pitrolju, tant hu hekk li fil-komputazzjoni ta' danni ma jirrizulta ebda ezercizzju f'dan ir-rigward. Kwindi l-appellanti ma jistghux issa fl-appell jikkontendu li ma nghatawx rimedju ghall-perjodu bejn is-snin disghin u l-2003.

36. Fir-rigward tal-ilment tal-atturi appellanti dwar it-trattament differenti li jinghad inghataw l-operaturi f'Ghawdex, mill-EneMalta, tajjeb li jigi pprecizat li l-ewwel Qorti rriskontrat nuqqas ta' provi dwar id-diskrepanza fil-margni ta' profitt, li jaghmlu l-atturi paragunat mal-operaturi Ghawdxin. <u>Izda</u> osservat ukoll li mill-provi rrizulta li l-operaturi f'Ghawdex iridu jhallsu ghat-trasport tal-fuel ghal Ghawdex, filwaqt li f'Malta ma jhallsux ghal din l-ispiza. Ghalhekk qalet li mhix sitwazzjoni kumparabbli. Relevanti f'dan il-kuntest hija x-xhieda ta' Godfrey Scicluna tat-12 ta' Novembru, 2014, li jishaq li m'hemm ebda diskriminazzjoni

peress li "*fil-kaz ta' Malta ghandek id-delivery qed issir direttament mill-EneMalta bil-bowser tal-EneMalta mentri fil-kaz t'Ghawdex mhux l-EneMalta li qed ittella' l-konsenja lejn Ghawdex. Imma hu is-sid tal-pompa tal-petrol li minn Ghawdex ikollu jinzel u jiehu l-konsenja direttament minghandha. Ghawdex ghandhom distributor li dan ifisser spejjez ghall-pompa tal-petrol.*" Ghalhekk tabilhaqq il-paragun li jittantaw jaghmlu l-atturi appellanti ma jregix, peress li s-sitwazzjonijiet m'humiex l-istess. Inoltre, kif inghad mill-ewwel Qorti ma tressqet ebda prova dwar kemm hija d-differenza fil-margni tal-profitt sabiex isostnu l-ilment taghhom u ghalhekk l-atturi appellanti naqsu milli jressqu prova kardinali f'dan ir-rigward. F'dan il-kaz ukoll ma jirrizultax li l-Awtorita` konvenuta appellata mxiet bi ksur tad-dover taghha ta' imparzjalita` u buona fede kif jinghad mill-appellanti fl-att promotur.

37. In kwantu ghall-*barge uplifts,* tabilhaqq kif inghad mill-ewwel Qorti, xehed dwar dan l-ilment Carmelo Falzon, izda d-dokumenti ezebiti minnu in sostenn ta' dan l-ilment jirrizulta li gew skambjati fis-sena 1987, u lanqas biss jikkorroboraw l-istess ilment tal-appellanti. Fi kwalunkwe kaz, hawn ukoll ma jirrizultax xi nuqqas imputabbli lill-Awtorita` konvenuta appellata. Isegwi li ghamlet sew l-ewwel Qorti meta ttrattat dan l-ilment sommarjament. Maghdud dan kollu, l-ewwel aggravju tal-atturi appellanti li jitratta l-mertu, wkoll ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi michud.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi appellanti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti tas-7 ta' Ottubru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-shih.

L-ispejjez kollha marbuta ma' din is-sentenza jithallsu mill-istess atturi appellanti *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr